Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 239/2019

Il-Pulizija
(Spettur Yvonne Farrugia)

Vs

Donald Micallef

Illum 23 ta' Gunju, 2020,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Donald Micallef detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 207082M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli hu personalment u/jew fil-kapacità tieghu ta' impjegat jew ta' ufficjal principali jew ta' rapprezentant tal-kumpanija Market Handle Limited (C 49546) akkuzat;

1. Talli bejn il-perjodu ta' Lulju 2010 u April 2011, f'dawn il-Gzejjer, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn xoghol digitali li jiswa' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), liema xoghol gie fdat jew ikkunsinnat lilu taht

titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-detriment ta' Martin Bonnici mill-Belt Valletta, u liema xoghol gie fdat lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu minhabba depozitu necessarju;

2. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta' Martin Bonnici mill-Belt Valletta;

3. U aktar talli, fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, ghal qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkupja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Lulju, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 293, 294, 308, 310 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal tmintax-il xahar prigunerija. Ma sabitx lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minnha lliberatu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Donald Micallef, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Awwissu 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tielet imputazzjoni, thassarha u tirrevokaha in kwantu fejn sabitu hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u ghar-ragunijiet suesposti, tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew alternattivament thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi tigi imposta piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Donald Micallef huma s-segwenti u cioè:-

L-appellant umilment jirrileva illi, bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu a bazi tal-provi prodotti quddiemha, u konsegwentement, jilment illi l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni tal-provi.

Jidher illi kemm il-prosekuzzjoni, u kemm il-Qorti, sejset il-kaz taghha **esklussivament** fuq il-verzjoni ta' Martin Bonnici. Ghalkemm hu veru li xhud wiehed, jekk emmnut hu bizzejjed biex jaghmel prova shiha, pero' fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, tenut kont anke ta' dak li ddepona l-appellanti, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tezamina jekk effettivament il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni iwasslux ghal grad rikjest mil-ligi fis-sejbien ta' htija.

Bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet wasslet ghall-prova rikjesta mil-ligi u cioe' dik ta' bla dubju dettat mir-raguni, fuq ix-xhieda ta' Martin

Bonnici. Ghalkemm **xhud wiehed jekk emmnut** hu bizzejjed biex tinstab htija wiehed irid joqghod attent, specjalment meta x-xhud b'certu mod, u f'dan il-kaz il-partikolari huwa evidenti li jezistu pretensjonijiet ta' natura civili.

Illi ghandu jigi sottolineat, li ghalkemm l-unika direttrici tal-kumpanija Market Handle Limited ma kinitx firmatarja tal-iskritturi, bejn il-parte civile u Market Handle Limited, hija kienet ben konsapevoli tal-iffirmar taghhom, peress li hija kienet prezenti meta l-parte civile ecceda fl-ufficini tal-kumpanija f'Birkirkara. Fil-fatt, dan huwa kkorraborat mix-xhieda tal-parte civile stess, a fol 110 tal-process.

Inoltre, il-parte civile '<u>assuma</u>' bhala fatt li Market Handle Limited ma hijiex ser tassumi d-dejn, meta l-konsulent legali tieghu, ddeponiet fl-atti ta' dawn il-proceduri li minn ricerka li ghamlet il-Qorti, sabet li Celine Lee Bentley ma kinitx qieghda tacceta bhala validi kuntratti li hija ma kinitx firmatarja taghhom. Din l-assunzjoni, l-Ewwel Onorabbli Qorti haditha bhala stat ta' fatt – u ma hemm l-ebda prova fl-atti li tikkonferma dan il-punt.

Dan qieghed jinghad stante li l-istess parte civile jikkonferma dan fix-xhieda tieghu a fol 109 tal-process, kif ukoll il-konsulent legali tal-parte civile li xehdet fis-16 ta' Ottubru 2014, Dr. Annmarie Spiteri, tikkonferma li hija sabet process li wera li Bentley mhux qieghda tikkonferma kuntratti li ma kinux iffirmati minnha. Dan jirrizulta mix-xhieda taghha in kontro-ezami a fol 211 tal-atti.

L-istess xhud, Dr Annmarie Spiteri ma pprezentat l-ebda dokument ufficjali minn fejn irrizultlha dan, ghalkemm giet mitluba tipprezenta tali dokumentazzjoni.

Inoltre, l-istess Celine Lee Bentley ma ddeponietx fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Illi di piu', jigi rilevat li l-esponenti ma setax jinstab hati tar-reat ta' mizapproprijazzjoni kif dedott fl-ewwel imputazzjoni. Dan qieghed jinghad li l-elementi rikjesti tar-reat ma jissustixxux, b'dan li l-esponenti ma xerridtx xoghol tal-parte civile ma' terzi. L-esponenti sempliciment uza l-karattri animati ghal 'Contact Handle', li hija 'direttorju' tal-kumpanija Market Handle Limited. Inoltre l-filmat li gie pprezentat mill-prosekuzzjoni fl-atti, juri bic-car li tali filmat kien bhal 'tnehdiha' ghal xi haga futura. Ma hemm l-ebda kontestazzjoni li 'Contact Handle' hija direttament marbuta ma' Market Handle Limited.

Di piu' u minghajr pregudizzju ghal premess, punt importanti li ma ttehidx in konsiderazzjoni mill-Ewwel Onorabbli Qorti huwa l-fatt, li ttiehed biss bhala stat ta' fatt li x-xoghol li sar mill-parte civile, huwa kopert mir-rekwiziti kollha legali ta' *'copyright'*. Ma ngabet l-ebda prova li jikkonferma li x-xoghol tal-parte civile huwa xoghol iccertifikat bhala uniku u tas-sengha u l-arti. Ma ngabet l-ebda prova ta' kwalifikazzjoni, jew ta' certifikazzjoni li l-parte civile jipposjedi.

Illi ghandu jinghad ukoll illi ghalkemm kien dritt tal-esponenti illi jibqa' sieket, u ma jixhidx, huwa ghazel illi jiddeponi. Kien xhud konsistenti, u dak illi qal, minn natura tieghu, jidher illi aktar ghandu mis-sewwa.

Illi in tema legali in kwantu jirrigwarda r-reati ta' truffa u frodi nnominata gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar 1999 fil-kawza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Anthony Francis Wilghouby</u>** li:

> *"Fil-ligi taghna biex ikun hemm truffa jew il-frodi nnominata jrid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ngann jew qerq, liema ngann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/06/97;*

*ara wkoll il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis, App. Krim., 12/12/59, Vol XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'"raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi nnominata (jew lukru frawdolent innominate) (ara, fost ohrajn, Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; Il-Pulizija v. Francesca Caruana, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer, App. Krim., 3/3/56)."*

*Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe' jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi nnominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe' tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilna telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, basra, sintendi, li tkun effettivament wasslet ghal dan it-telf min-naha u arrikkament min-naha l-ohra."*

Fil-kaz odjern zgur li ma tirrizultax pruvata il-*mise en scene* rikjesta sabiex jissistixxi r-reat.

Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghal premess, is-sejbien ta' htija tal-appellant ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu, u l-imputazzjoni ta' piena karcerarja ta' tmintax-il xahar prigunerija, iqarreb lejn il-massimu, u dan in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, din ma hijiex piena idonea ghall-kaz odjern, tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

F'dan is-sens, fl-umli fehma tal-esponent l-ewwel Qorti bil-posizzjoni tal-piena karcerarja ta' tmintax-il xahar, filwaqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena

inflitta, kemm fil-kwalita' taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita' ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u riformattiv, tant accennat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet tal-lum. L-esponenti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, datata 25 ta' April 2006, per Onor Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet; *Il-Pulizija vs John Farrugia,* fejn peina ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita' a tenur tal-Artikolu 11 tal-Kap. 446.

Fil-kawza **l-Pulizija vs Carmen Butler**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Qorti kkristallizzat proprju dan il-principju, u cioe' illi Qorti tal-Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel Qorti, sakemm ma jigix manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tat importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina.

F'dan l-istadju, issir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, ladarba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' Probation.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem

irrizultaw fin-negattiv… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidhirlha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa nghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghada l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li rttermina b'success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.

Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Rimar Hatherly u Justin Farrugia**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

> *"Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attentat li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia:*
>
> *"Issa, huwa veru li l-appellant ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li din l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn inqas minn 77 kundanna mill-Qrati tal-Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-Qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero', jinvolvu multi u habs… "Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel mal-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni tal-appellant hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt*

*biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' rriversibilita' assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu ndikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu tal-kundanni u ta' prigunerija.*

L-esponenti umilment jirrileva, minghajr pregudizzju ghas-sejbien ta' htija jew le, li l-principji esposti fil-gurisprudenza hawn citata jincidu direttament fuq l-appell odjern, u ghalhekk il-piena mposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghandha tigi varjata sabiex tirrifletti r-realta' li attwalment l-esponenti jinsab fiha. Effettivament, l-appellant huwa persuna ta' dixxiplina, u ghajr ghal kundanna li tirrisali ghal oltre ghoxrin sena ilu huwa persuna ta' kondotta netta, li sfortunament ghadda minn problemi finanzjarji serji, li piena karcerarja ma hijiex idonea.

Rat il-provi prodotti fil-process u l-fedina penali aggornata ta' l-istess appellant.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan il-kaz u dan fis-seduta tal……….

Ikkunsidrat.

Illi l-aggravji principali tal-appellant hu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti u fit-tieni lok il-piena imposta hija eccessiva konsidernado l-fedina penali tieghu li fil-fatt hija wahda  piuttost nadifa.

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-

konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni[1]

Ghal darb ohra din il-Qorti tirribadixxi illi fi stadju ta' revizjoni mhijiex is-setgha taghha li taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi, billi dan huwa mholli unikament f'idejn l-Ewwel Qorti u huwa biss meta din il-Qorti ta' revizjoni tqies illi dak l-apprezzament kien wiehed erronju kemm fuq bazi fattwali kif ukoll fuq bazi legali, illi allura tigi skossa dik id-diskrezzjoni ezercitata fl-ewwel istanza.[2]

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

---

[1] Ara f'dan is-sens l-Appelli Inferjuri il-Pulizija vs Rayomnd Psaila 12 ta' Mejju, 1994, Il-Pulizija vs.Carmel sive Chalmer Pace 31 ta mejju 1991, il-Pulizija vs Anthony Zammit 31 ta Mejju 1991, l-Appelli Kriminali Superjuri Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi 14 ta' Frar, 1989,

[2] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta'Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi ghalhekk spetta lil din l-Onorabbli Qorti taghmel ezami akkurat u approfondit tal-provi prodotti f'dawn l-atti u dan sabiex tara jekk fil-fatt l-ewwel Qorti setghetx tasal ghall-gudizzju milqugh minnha .

Illi nhar it-23 ta Mejju 2013 xehdet l-ispettur investigattiva **Spettur Yvonne Farrugia** u kkonfermat li l-pulizija tal-Economic Crime kienet irceviet rapport minghand certu Martin Bonnici dwar allegazzjoni ta' frodi u misapproprjazzjoni kommessa minn Donald Micallef fl-ammont ta' €6,420.76.

Hija baghtet ghal dan Martin Bonnici u spjegalha ic-cirkostanzi tal-kaz. Qaliliha li kien jahdem bhala Post Production Artist u kien ghamel kuntatt f'Lulju 2010 ma Donald Micallef li kien il-managing Director ta Market Handle sabiex jintroduci lilu innifsu u s-servizzi tieghu ma din il-kumpanija. Huwa kien ghamel hekk ghaliex qalilhom li sar jaf b'din is-socjeta minn reklam li kien deher fuq is-sit socjali 'facebook' fejn Market Handle kienet giet inawgurata fiz-zmien l-allura Ministru tal-Finanzi Tonio Fenech u f'artikolu partikolari datat 20 ta' Mejju, 2010 kienet saret l-inawgurazzjoni fejn Donald Micallef kien gie imfahhar li kien qed jaghmel investiment ta' madwar hames mitt elf euro (€500,000) fil-presenza tal-Minsitru Tonio Fenech.

Spjegalha li wara dan huwa ghamel kuntatt ma Donald Micallef fejn introduca ruhu bhala CEO ta' Market Handle u Bonnici introduca s-servizz tieghu. Qallu li ghamlu reklamar ta' servizzi krejattivi, reklamar ta' servizzi differenti u li joffru servizz hafna ahjar minn kumpaniji ohrajn u dakinhar ukoll kien dawru mal-kumpanija u urieh x'jaghmlu ma jaghmlux.

Spjega li wara dan il-meeting Micallef ha interess fis-servizz li joffri u ghaddhielu stampa ta' hames karattri li talbu jghamel forma digitali 3D u apparti li ridhom fi forma digitali xtaq li dan il-program isir b'mod illi ghalkemm Micllef ma kienx intiz f'dawn it-3D programmes, hu talbu sabiex jghamilhomlu facli ghalih biex ikun kapaci ibidel dawn il-karattri b'liema mod xtaqhom hu. Igifieri dawn il-karattri minn stampa statika kellhom jigu jiccaqilqu u Micallef xtaq li mhux kul darba li jkun irid

icaqlaqhom bil-mod li ried hu, mhux kul darba ikun irid joqghod jikkuntattjah imma setgha jaghmilha hu bi programm partikolari talab.

Qallha li sar ftehim bejnu u bejn Micallef nhar it-22 ta' Settembru, 2010 Micallef iffirma f'isem Market Handle fejn fl-ewwel ftehim dawn ix-xoghlijeit kellhom jammotnaw ghal madwar €7,000 u ftiehmu li parti mid-depositu kellha tinghta mal-ewwel u l-bilanc jigi imhallas f'zewg instalments mal-konsenja u ta' dawn ix-xoghlijiet u t-tieni pagament kellu jsir fix-xahar ta' wara. Izda fid-19 ta' Ottubru 2010, Micallef rega kkuntattjah u talbu jaghmel tibdil f'dan il-ftehim fejn talbu illi t-termini tal-pagamenti kellhom ikunu differenti fejn bhala depositu kellu jhalli €1,770. Qallha li ma kellux oggezzjoni u dakinhar Micallef ghadda cheque tal- HSBC iffirmat min Celine Bentley f'isem Market Handle datat 19 ta' Ottubru 2010 u dan ghall- ammont ta' €1,770.

Bonnici qallha li hu qatt ma kien ippr4ezenta dan ic-cheque biex jigi kkaxxjat ghaliex l-ghada stess Micallef kien cempillu u qallu li ji kien qed jistenna xi deposits dehlin f'dan il-kont allura qallu biex jaghtih ic-cans. Sa Novembru 2010, Bonnici kienlsta dawn ix-xoghlijiet mitluba u miftiehma ma Micallef u kien ghaddihom lilu fuq USB stick fejn minn dawn il-USB stick dan Micallef kien ikkuppjhom fuq il-computer tieghu u ha xoghlijiet hekk kif xtaqhom hu. Minn dakinahr 'l hemm Bonnici qallha li dan Micallef kien difficli immense biex jaghmel kuntatt mieghu sabeix ighaddilu l pagamenti pendent kif kienu miftiehma.

Bonnici zied ighidilha li wara ftit ta zmien rega ghamel search fuq l- internet u dan l-karattru li kien ghaddhielu permezz ta' USB kien gie downloaded fuq il kompjuter ta Mciallef u rah fuq YOU Tube bhala reklam ta Market Handle Limtid, fejndanil-karattru li suppost jghajjat lil Market Handle Limited skond il-ftehim li keinu ghamlu kein qieghed jaghmel reklam fuq Contact Handle fuq You Tube.

Spjegalha li fost il-kundizzjonijiet li kien hemm vigenti bejneithom kien hemm idniakt li jekk wiehed min dawn il-karattri jintuzaw ghal xi business ma terzi

persuni huwa kellu l-ewwel jitlob il-permess lil producer pero cio nonnostante minkejja li Micallef ghamel uzu minn da nil-karattru ma talab l-ebda permess

Spjega ukoll li kien ghamel ricerka mal-MFSA fejn irrizulta li s-socjeta Market Handle Limited kienet kumpanija ta Celine Lee Bentley li hija persuna ta' nazzjonaltia Franciza minn San Pawl il- Bahar . Qallha ukoll likien talab lil bank ghall-informazzjoni dwar ilkont minn fejn hareg ic-cheque li gie mghoddi lilu u sar jaf li fil-fatt Celine Lee Bnetley kient l-unika firmatarja ta da nil-kont.

Spjegat ix-xhud li fl-14 ta' Marzu, 2012 hija baghtet ghal Donald Micallef u Celine Lee Bentley fejn dawn marru ghandha volotnarjament . Qalet li it-tnejn li huma irrifjutaw li jeihdu l-assistenza legali u Miallef irilaxja stqarrija fejn stqarr li huwa jokkupa l-kariga ta' CEO ta' E Busines platforms ta' Xemxija. Qallha li kien sar jaf lil Martin Bonnici permezz ta' xoghol rigwad 3D li fil-fatt kien ghamel lis-socjeta Market Handle Limtied . Ikkonferma li kellu xi inkontri ma Bonnici u li kien ghamel ukoll il-pagamenti Ikkonferma l-firma li kien hemm fuq il-ftehim li ghamlu bejneithom u kkonferma li kien ircieva ix-xoghlijiet minghand Bonnici forma ta' *soft copy* fuq USB u li kien ddowloadjhom fuq il-kompjuter tieghu. Tghid opero li Micallef insista li dan ix-xoghol kein sar ghas-socjeta Market Handle u mhux ghalih personali u qallh ali hu qatt ma kien uza dawn il-mudelli apparti okkazjoni wahda meta uza mudella wahda bhala 'test' meta uplodja reklam Contact Handle fuq You Tube u ghalhek kfehmet li kein qed jaghemel refernza ghal dak li kein stqarr maghha Bonnici . Qallha ukoll li personalment huwa ghandu d-domain contacthandle.com .

Tghid li tkelmet ukoll ma Celine Lee Bentley li qaltilha li hi partner ma dan Donald Micallef u li kienet ilha tafu. Qalet li kienet ilha Malta ghal sentejn u fil-fatt kienet giet hawn Malta biex tiftah kumpanija. Qalet li kienet investiet hafna flus fis-socjeta Market Handle Limited liema socjeta ma kienitx ghada topera minhabba kawzi civili li kienu infethu kontra s-socjeta. Dwar Bonnici qalet li kienet tafu biss di vista u li kien iltaqa' ma Micallef dwar xi disinni u xoghol ta' grafika pero hija ma kienitx involuta fil-ftehim li sar bejniethom u meta mistoqsija rigward ic-cheque li kienet iffirmat qaltilha li kienet tafda lill-impjegati taghha u kienet thalli cheques iffirmati

*blank* specjalment meta hija kienet issifer fuq xoghol u li kienet thalli dan l-operat tal-kumpanija f' idejn Micallef. Mistoqsija dwar Contacthandle qalet li makellha x'taqsam xejn ma da nil-business izda kien jghajjat lil Donald Micallef.

Kienet talbet lis Cyber Crime Unit biex jghamlu tfittxija fuq l-internet biex tara jekk il-video li ghamlu referenza ghalih jinstabx u waqt li kienet qed taghmel l – investigazzjoni f'Marzu 2012 dan il-video kien ghadu jidher *uploaded* fuq l-internet.

Tghid li ghamlet ukoll kuntatt ma Brian Montebello , Direttur ta' Trade Services biex tara jekk E Business Platform hiex registrata pero dan ikkonfermalha li ma kellhom l-ebda business registrat b'dan l-isem u lanqas ma kien hemm records f'dan ir-rigward mal-MFSA.

Hija pprezentat il-kwerela datata 14 ta' April 2011 li intbaghtet lill- Kummissarju tal-Pulizija minn Martin Boinnici li giet markata bhala dok YF1, numru ta' dokumenti li gew mghoddija lilha minn Martin Bonnici fosthom business card li kien gie mghoddi lil Bonnici minn Donald Micallef, flimkien mal-ftehim li sar bejn Bonnici u Micallef, kopja tac-cheque, invoice tax-xoghol li ghamel Bonnici lil Micallef u lil Market Handle Limited li gew markati komplessivament bhala dok YF2, email li irceviet minghand Bonnici fejn indikalha xi links fuq il-facebook ta' Donald Mciallef fejn jidher li qed juza l-isem contacthandle.comn kif ukoll xi ritratti ta' xoghlijiet li kien ghamel Market Handle u li kienu qed jidhru li qed jipprezentaw dan il-grafika contacthandle..com li gew markati bhala dok YF3. Ipprezentat ricerka li ghamlet mal-HSBC rigward il-kont bankarju numru 085125755002 li jghajjat li Market Handle Limited li huwa ta' Celine Lee Bentley li giet markata bhala dok YF 4. L-istqarrija ta' Donald Micallef rilaxxjata minnu nhar l-14 ta' Marzu, 2012 markata bhal dok YF 6.

Illi nhar it-30 ta' Gunju, 2015 in kontro esami ikkonfermat li is-socjeta Market Handle kellha Direttur wiehed Celine Lee Bentley u li l-appellant kien chief executive officer. Tghid ukoll li din s-socjeta kienet topera minn Triq J.F De Soldanis B'kara. Ikkonfermat li l-inkarigu li inghata lil Bonnici kien mill-appellant ghan nom tas-socjeta Market Handle Limited. Ikkonfermat ukoll li irrizultalha li Celine Bentley

kienet thalli kollox f'idejn l-appellant tant li anke kienet ittih blank cheques iffirmati. Tghid li Bonnici kellu zewg ilmenti wiehed minnhom li ma thallas qatt ta' xoghlu u it-tieni wiehed kien li ix-xoghol tieghu ma kellux jitnuza minn terzi u filf-att jidher lis-socjeta Market Handle ghaddietu lil terzi. Dan ix-xoghol intuza minn Contact Handle li hija business Directory tal-appellant.

**PS 266 Stefan Decelis** xehed u spjega li kien gie mitlub jghamel ricerka fuq advert likien hemm fuq il-You Tube li kien jismu '*just a campaign teaser for contact handling*'. Dan il-filmat gie misjub ukoll u esebixxa zewg *print outs* li ghamel ta' dan il-filmat li gew markati bhala dok SD1 u SD2 rispettivament. Dan apparti gie ukoll mitlub jghamle tftitxija generali fuq L-appellant Micallef fejn hemmhekk sab ukoll xi artikolu mill-Malta Today datat 23 ta Frar 2012, liema artikolu huwa ddowloadja nhar l-14 ta MArzu 2012 liema artikolu gie market bhala dok SB3 ukopja tad download li gie market bhala dok SB4.

**PL Quentin Tanti** xehed nhar it-23 ta' Mejju 2013 fil-kapacita tieghu tar-rappresentant tal MFSA u spjeg ali skond ir-records taghhom ma hemm l-ebda kumpanija registrata maghhom bl-isem Contact Handle u pprezenta l-Momorandum of Articles & Association tas-socjeta Market Handle Limited li gie markat bhala dok QT1.

Il-Kwerelant **Martin Bonnici** xehed nhar is-17 ta' Lulju, 2013 u stqarr li ftit ta snin ilu kien beda jahdem ghar-rasu fil-grafika, film u producing ta animazzjoni u naturalemnt ghalhekk dejjem ifittex il-klijenti uhud minnhom mis-sit socjali facebook . Darbaminnhom sr jaf bis=socjeta market Handle u ghalhekk ghamel kuntatt maghha u ikkuntattja lil managing Director l-appellant odjern. Iltaqa' mieghu fl-ufficcju tieghu B'kara u iddiskuttew xi xoghol li huwa xtaq peress li kellhom xi mascot u xtaqu li jsir xi 3D animation u konsegwentement ftiehmu fuq ix-xoghol. Ghall-ewwel ftiehmu li kellhom jsiru xi hames karattri izda wara talbu jghamel erbgha flok hamsa . Iffirmw kutnratt u ftiehmu kif kellu isir il-hlas u jekk mhxu sejjer xbal dan kellu jsir fi tlett pagamenti .

Spjega li is-socjeta Market Handle kellha erba' cartoons u kul wiehed minnhom kien jirrappresenta sezzjoni tal-kumpanija Market Handle . Kienu ftiehm uli l-cartoons li kienu impingijin 2D jitqalbu f'mudelli, f'kulturi digitali li jsitghu jiccaqilqujigukompeltament animati, bl-espressjoni differenti, moviementi varji u b'hekk ikunu jistghu jghamlu minn kollox.

Huwa beda bl-inakrigu moghti lilu u fil-fat ra li anke ikun hemm l-artisti ingaggati fuq dan ix-xoghol. Qal li pero l-ewwel deposit dovut lilu beda dejjem jigi imbuttat lura kienighidilhom 'tini jumejn ohra , ic-cheque book siccalna , qed nsitennew cheque book gdid, l-online transfer m'ghadhiex, qed nistennew'. Kien dejjem igib xi skuza jew ohra.

Jiftakar li pero darba minnhom Micallef kien tah cheque bhala deposit u talb ubiex ibiddel is-sitema ta kif kellha issir il-hlas u peress likien progett daqs xejn kbir kien accetta. Jaf li l-ghada li ta hic-cheque Micallef kien cempilluu qallu biex ma isarrafx ic-cheque u dan ghaleix qallu li kellu cheque li kien ghadu ma wasallux u ghalhekk talbu ftit jiem ohra u min hemm baqa' dejjem itawwal itawwal itawwal.

Huwa lesta x-xoghol u tahulu biex b'hekk ma jkollux raguni sbeix ma ihalsux izda qatt ma thallas . Jirrepeti li dejjem kien jignata xi skuza jew ohra . Qal li sar jaf li Celine Bently keint id Direttur tas-socjeta u ma kienitx qed taccetta kutnratti iffirmati minnu ghan-nom tas-socjeta Market Handle Ltd. Qal li hu ghandu jiehu minghand l-appellant is-somma ta' €6,000.

Jaf ukol li minkejja li fil-kutnratt li kellu kien hemm imnizzel li Micallef ma setghax jghaddi x-xoghol tieghu lil haddiehor ra li in effetti meta spiccat is-socjeta Market Handle ix-xoghol li kien ghamel hu beda jintuza minn haddiehor bl-isem E. Business Platforms li kien l-isem ufficcjali li kiemn imexxi il- prodott ta' Contact Handle li kien prodott ta' Market Handle izda qatt ma kien sab registration details ta' din l-azienda.

Huwa gharaf il-kwerela tieghu a fol. 23 ta l-atti, il-business card li inghata lilu minn l-appellant bil-branding ta' Market Handle a fol. 24, l-kuntratt iffirmat minnu bhala

*producer* u mill-appellant bhala klijent a fol. 25, email li kien ircieva fuq l-email address tieghu martin@martinbonnici.com minghand l-appellant mill-email address tieghu Donaldmicallef@markethandle.com fejn hemm idniakt li kien jokkupa l-kariga ta' Chief Executive Officer fejn ikkonfermalu li l-pagament kellu jinghata lilu fil-gimgha ta' wara a fol. 27, ic-chequ li inghata lilu iffirmat minn Celine Bentley fil-presenza tieghu a fol. 30, invoice li kien baghat lil Market Handle iffirmata minn l-appellant a fol.31 rappresentanti l-modelling, texturing u rigging ta erba' karattri fl-ammont ta' €6,136 u invoice iehor a fol. 32 ghal bicca xoghol zghira ohra li sar ghas-socjeta Market Handle fl-ammont ta €118 u ma thallasx taghha ukoll. Ikkonferma li a fol. 34 hemm screen shot mehud mis sit elettronicku socjali facebook fejn hemm idnikat li l-appellant kien jghid li jokkupa l-kariga ta CEO mas-socjeta Market Handle. Waqt li a fol 35 hemm screen shot ohra li jidnika li x-xoghol maghmull minnu kien qed jintuza u l-iscreen shot a fol 36 jindika li x-xoghol li ghamel hu kien qed jintuza minn terzi ukoll.

Mistoqsi jekk kellux dubju li l-appellant kein qed jirrappresenta lis-socjeta Market Handle jghid li l-appellant hekk kien igib ruhu. Mistoqsi jekk hux minnu li l-appellant kien ighidlu li mhux Managing Director jghid li lilu kien jintroduci lilu innifsu verbalment bhala Managing Director ghalkemm fl-emails kien jikteb Chief Executive Officer. Mistoqsija jekk kienx jaf li Market Handle waqfet tahdem ghaliex kien hemm minn ipprezenta Mandat ta' Qbid kontra taghha u eleva l-affarijiet mill-ufficcju jghid li ma jafx pero jaf li baqghet tbiegh il-prodotti taghha *on line.*

Nhar is-16 ta' Ottubru, 2014 (fol. 214) huwa pprezenta ic-cheque original li l-Bnak tawh lura ghaliex ma setghax jigi processat. Dan gie markat bhala dok MB.

Nhar il-15 ta' Lulju 2016 in kontro esami rega kkonferma li kien ta ix-xoghol lill-appellant li kien qed jidher ghan-nom u fl-interess tas-socjeta Market Handle Limited u kien hareg l-invie tieghu f'isem l-appellant f'isem Market Handle u dan ghaelix jghid li kien jikkuntattja biss ma l-appellant u fil-fatt dawn l-invoices likien jibghat kienu jigu iffirmati minnu stess ( vie fol. 31) . Mistoqsi jekk kienx ha xi

proceduri civili jghid li pprova pero ma irnexxilux ghaliex kienu iccaqilqu l-ufficcini taghhom. Mistoqsi x'kient Contact Handle jghid I skondma kien qallu l-appellant dan kien prodott li bdiet tahdem fuqu Market Handle Limited . Stqarr li waqwt il-laqghat li kien ikollu ma l-appellant dan kien ighidlu li s-socjeta Market Handle LImtied hija tieghu u kien urih il-busines card tieghu fejn kien hemm miktub li kien is CEO taghha

**Audrey Ghigo** in rappresentanza tal-bank HSBC xehdet nhar it-2 ta' Ottubru, 2013 u pprezentat il-bank statements tal- kont bankarju ta' Market Handle Limtied sat -30 ta' Gunju 20134 liema dokumenti gew markati bhala dok AG1. Ikkonfermat li l-unika signing officer kienet Celine Lee Bentley u l-appellant ma deher imkien.

**Dr Annemarie Spiteri** xehdet nhar is-16 ta' Ottubru, 2014 bhala konsulent legali ta' Martin Bonnici. Ikkonfermat li f'Dicembru 2010 Bonnici kien talabha tiktiblu ittra fejn interpellat lil Donald Micallef ihallas lil klijent taghha . Qalet li kellha diffikolta beix tinnotifika lill-appellant. Ghalhekk kient marret il Bank biex issarraf ic-cheque li kellu l-klijent taghha peo tal-Bank qalulha biex tkellem lil-pulizija peress li kien hemm problem kbar b'dak il-kont Murija id=dokument a fol. 30 tghid li dan hu ic-cheque li hija kellha f'idejha u marret tipprova issarraf. Qalet li l-klijent taghha kien ta servizz lis-socjeta market Handle fuq rikjesta mill-appellant u dan in konnessjoni ma xi xoghol ta' graphics. Ikkonfermat li l-ittri li baghtet baghtithom lis-socjeta Market Handle ghaliex kienet taht l-assunzjoni li fil-fatt l-appellant kein qed jagixxi fl-interess ta' din is-socjeta. Qalet ukoll li l-klijent taghha Bonnici kien qallha li l-ftehim kien sar ma l-appellant minkejja li c-cheque gie ffirmat minn Celine Lee Bentley.

L-appellant **Donald Micallef** xehed nhar il-21 ta' Novembru 2016( fol. 252) u kkonferm ali kien jahdem bhala CEO mas-socjeta Market Handle u dan wara li kellu diskussjonijiet ma Celine Lee Bentley. Din kient socjeta li tiehu hsieb Marketing, Advertising u Communciations. Huwa kien inkarigat sabeix jirrikrutja niex mistharga full time u part time u anke bhala free lance. Kellu ifittex ukoll ufficcju minn ejn jopera u kien jiehu hsieb kollox hu ghaleix Celine kient tkun imsifra hafna .

Jghid li li Martin Bonnici jafu u li kien Bonnici li ghamel kuntatt meighu wr ali kien ra xi advert taghhom fuq is sit socjali Face Book. Jghid li kien mar ikellmu fuq xi xoghlijiet li eventwlament ghamel ta 3D. Qal I kien ftiehem meighu ghan nom tas-socjeta Market Handle li kien lest li jeihu x-xoghol tieghu purche il-has isir f'pagamenti u dan ghaliex in-negozju teighu kein ghadu qed jibda. Qal li war ali Bonnici baghtilhom ix-xoghol is-socjeta Market Handle irceviet Mandat ta Qbid u hadulhom kul ma kellhom fl-ufficcini u ma setghux joperaw iktar. Qal I huma bdew juzaw il karattri li ghamel Bonnici f'campaign teaser ( vide fol. 64) u ghalhekk kienu biss testijiet . Mistoqsi jekk kienx hu li tellgha il-vieo jghi dli seta kien il-kaz ghaleix huwa kein jiehu hsieb l-accoutns tas-socjeta. Fil-fatt ighid li ix-xghol ighamel Bonnici kien tajjeb izda sfortunatament ghadu ma thallasx kif del rsto hemm neis ohra li ghamlu xoghol u ma thalsux tieghu . Qal li s-scjeta kellha problem finanzjajri u hadd ma kein qed jithallas. Muri il-ftehim li sar bejnu u bejn Bonnici jikkonferma l-kontenut tieghu. Ikkomnferma ukoll I meta inghalqet is-socjea Market Handle LImtied ipprova jopera minn ContactHandle.com fuq You Tube li hija Malta Business Directory f'forma ta' website ukkonferm ali kien tellgha il-prodott ta Bonnici fuq l-internet.

Mistoqsijekk meta iffirma il-kuntratt ma Bonnici is-socjeta Market Handle gja kellha problem finanzjajri jghid li is-socjeta Market Handle dak iz-zmien kient ghadha in infancy izda il-probemi kbar bdew fit-13 ta Jannar 2011. Qal I ix-xoghol ta Bonnici kellu jiehu hsiebu hu personalment . Jghid ukoll li s-socjeta Market Handle Limited kienet qed tuza l_URL's (id-domain) tieghu personali.

Illi a temp vergine tal-investigazzjoni l-appellant kien anke sahansitra irrilaxja stqarrija esebita fl-atti a fol. 55 et seq pero stante li din ittihdet fizz mien meta id-dritt ta assistenza ta l-avuakt ma kienx jifforma parti mill-ligi domestika taghna , din l-itqarrija ser tigi skartata kif del reto ghamlet tajjeb l-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat.

Fl-ewwel lok jig rilevat li l-appellant gie ingunt fil-kapacita tieghu kemm perosnali kif ukoll in rapprsentanza tas-socjeta Market Handle Limited u f'dan ir-rigward taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Anthony Bezzina et**[3]" fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet:

"Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

*"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-ghemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."*

Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta` kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili. Fil-akz in desamina jidehr car li l-appellant kien jaf li ed jagixxi ghan nom tas-socjeta market Handle Limntied u mistoqsi jekk ikkonsultax ma Celine Lee Bentley fl-operat ta xogholu jghi dli fil-kapacita tieghu ta' CEO ma kienx hemm ghalfejn. Ghalhekk assuma kul responsabilita ghal dak li iffirma u ghamel fl-interess tas-socjeta Market Handle Limited.

Jinghad li fl-ewwel Lok l-appellant gie akkuzat bir-reat ta' approrprijazzjoni indebita.

Jinghad mis-sensiela tad=-domandi li saru mill-avukat difensur quddieml-ewwel Qorti li kl-azzjoni percepita mill-kwerealnt Bonnici kient wahda li kellha tkun itnavolt aquddiem Qorti Civili u cioe wahda fejn jillamenta li ma thallasx ghal servizz moghti minnu . Pero din il-Qorti minnufih tghid li anke li kieku ikun hemm azzjoni civili li f'danil-kaz ma jidhirx li kien hemm xorta l-azzjouikriminali tibqa

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id- 19 ta' Novembru,.2015, Appell Krim Nru.463/2012

tippersisti jekk l-elementi tar-ret jissusistu. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija versus Giuseppe Cauchi'** [4] il-Qorti kienet qalet hekk:

*Dwar l-elementi in ġenerali 'Ghad-delitt ta' approprjazzjoni indebita jehtieg li l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata "konversjoni"; u hemm konversjoni, "inter alia", meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat, u minflok hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in bwona fede. Xejn ma jiswa biex ihassar dan ir-reat il-fatt li l-persuna danneggjata tkun hadet proceduri civili biex tigbor flusha; ghax l-azzjoni civili hija indipendenti mill-azzjoni kriminali.'* [5]

**Carrara** fil-kieb tieghu ***Diritto Penale*** taht t-titolu '**Esposizione dei delitti inspecie'** [6] li wkoll jissejjah dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-

*" la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato."*

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide **Il-Pulizija v Joseph Mifsud**[7]; **Il-Pulizija v Joseph Richmond et** [8]; **Il- Pulizija v Capt. Albert Mallia**[9] u **Il-Pulizija v Emanuel Cassar**[10].)

---

[4] Appell Kriminali deciza nhar il- 21 ta' Novembru, 1953

[5] Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti

[6] vol 4. para 284

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar t-2 ta' Dicembru, 1992

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Jannar, 1993

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-25 ta' April, 1949

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-20 ta' Ottubru, 1997

B'dan il-Qorti trid tfisser li jrid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni *inter alia* meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati *in buona fede*.

Fil-fatt, **Luigi Maino** fil-ktieb tieghu **Commento al Codice Penale Italiano** [11] jghid:

"L'approprazione indebita si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede."

Dana l-abbuz jissarraf fil-fatt illi l-agent idawwar oggett li jkun gie fdat lilu ghal ghan specifikat f'uzu differenti minn dak patwit tal-oggett ikkonsenjat, liema uzu divers madanakollu jrid ikun sar b'mod intenzjonali mill-agent bl-ghan li jaghmel profit minnu ghalih innifsu. Dana l-agir minn naha tieghu ma jridx jammonta ghal semplicement uzu tal-oggett, izda l-agent irid iqis illi dak l-oggett sar proprjeta' tieghu u ghalhekk jaghmel uzu minnu bhala sid tieghu u dana bi profitt ghalih.

Issir riferenza ukoll ghad-decizoni **<u>The Police vs Artur Arakelyan</u>**[12]:

*Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others. The jurist* ***Francesco Antolisei*** *explains:*

*"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*[13]*"*

---

[11] Vol. V pg. 347

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-17 ta' Lulju,.2013 per allura Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima

[13] " (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276) -Pulizija vs Francis Camilleri, Deciza 25.06.2001 – Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)

Illi f'dan il-kaz jirrizulta bic-car li l-appellant inghta USc minghand l-kwerealnt Bonnici li kien jikkontjeni karattri 3D ghal ghan determinat u cioe sabeix jintuza max-xoghol konness mas-socjeta Market Handel pero in realta dan tqassam lid domain contact handle.com li l-karattri tpoggew fuq Youtube f'isem contacthandle.com minghajr ma Bonnici ta permess ghal tali uzu u appuntu b'mod sfaccat bi ksur tal-kuntratt iffirmt bejniethom. Filf-att l-klawsola numru 4 tal kuntratt kient tipprovdi li:

*" The parties agree that if the client had to make any ulterior business arrangement with third parties not stipulated in this agreement is bond to inform the Producer of such arrangements. The client also binds himself to transfer to the producer fifteen per cent(15%) of theprofits tht such business arrangements with third parties may yield"*

Apparti dan ukoll ad insaputa tal-Producer Bonnici l-appellant tellgha video clip fuq you tube kif printjat fid-19 ta' Marzu, 2012[14] fuq il-pagna ta' Contacthandle.com li ma hiex firmatarja tal-ftehim li gie redatt u ffirmat bejn l-appellant u l-kwerelant[15]. L-appellant jghid lihu l-persuna li kient responabbli ghall-andament tas-socjeta Market Handle limited u ma kellux ghalfejn jikkonsulta ma Celine Lee Bentley u ghalhekk meta iddecida li itellgha da nil-video fuq You tube kient decisjoni tieghu u tieghu biss u ghalhekk huwa l persuna li ghandu jirrizpondi ghal dan l-agir. Zgur li kein konxju u li kellu ghalhekk *id-dolo* rikjest mill-ligi li ma kienx permess li jghamel dan pero cio nonostante xorta ghamel hekk. Jidher car mill-provi akkweziti u raportati aktar il fuq kien l-appellant biss li kien jopera id-domain contacthandle.com u ghalhekk mhemmx dubbju li b'dan l-agir u cioe li qabad u uza ix-xoghol li tah Bonnici ghal Market Handle LImtied u uzah ghal contacthandle.com huw akien qed jippretendi li ikollu gwadann ghalih. Fid-dawl ta dan kollu mhemmx dubbju li r-reat jirrizulta ben provat kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti.

---

[14] Fol. 34

[15] Fo.28

Fit-tieni lok l-appellant gie akkuzat bir-reati ta' truffa u frodi nnominata u cioe dawk kontemplati fl-Artikoli 308 u309 tal-Kodici Kriminali. In tema legali gie ritenut fis-0sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby** [16]li:

*"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominate irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf* **partimonjali bil-konsegwenti** *qligh ghal agent (**Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul**[17]; ara wkoll **Il-Pulizija v. Daniel Frendo**[18]). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma,proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (**Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis**[19]). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis**[20], App. Krim.; **Il-Pulizija v. Francesca Caruana**[21]; ara wkoll **Il-Pulizija v.Giuseppe Schrainer**[22])."*

L-**artikolu 308** jaqra hekk:

*"Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor..."*

---

16 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it--12 ta' Frar, 1999

17 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta Gunju 1997.

18 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 25 ta' Marzu, 1994

19 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta Dicembru 1959 - Vol. XLIII.iv.1140

20 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta Ottubru 1959- Vol. XLIII.iv.1137

21 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta Lulju 1953 - Vol. XXXVII.iv.1127

22Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Marzu 1956.

L-**artikolu 309 tal-Kap 9** jipprovdi ghal kazijiet ohra ta' qerq mhux imsemmija fl-artikolu 308 u l-artikolu 310 jistabilixxi l-iskala tal-piena applikabbli skond l-ammont tal-hsara li tkun saret mill-imputat. Illi l-gurisprudenza taghna dejjem hadet il-linja li semplici gidba wahidha mhux bizzejjed sabiex jitqies li jissussisti r-reat ta' truffa ghaliex irid ikun hemm ukoll element iehor essenzjali u cioe' l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jiehu diversi forom u kultant anki jkun hemm atti tejatrali. Dawn il-forom hekk maghmula minn persuna jridu jkunu tali li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza normali u ordinarja sabiex jaghmel jew ma jaghmilx dak rikjest minnu mill-frodatur. F'dan il-kaz ma hemmx dubbju li l-kwerelant meta ra li din is-socjeta giet inaqgurata mill-allura minsitru TonioFenech gustament haseb li din hija socjeta serja ma min seta jittratta.

Sabiex jissussisti r-reat ta' truffa irid ghalhekk ikun hemm il-messa in xena u l-gideb wahdu mhux bizzejjed sabiex tirrizulta r-rejita' taht lartikolu 308. Illi dan il-kliem irid iwassal sabiex persuna temmen fil-haga li l-frodatur qieghed jghid u b' hekk taccetta li jaghmel dak li qieghed jigi  mistenni minnha. Illi fil-kaz odjern irrizulta ampjament mill-provi li saret il-messa in xena da parti ta' Micallef l-imputat li adopera strategija sabiex jikkonvinci lill-kwerelanti jidhol fin-negozju li kien qed jipproponilu jghamel l-ordni li kienet tinvolvi sieghat ta' xoghol sabiex igieghel lill-kwerelant jemmen li kien ser jaqla' l-flus.

Fil-kaz odjern din il-Qorti jidrilha li apparti l-gidba *per se* fejn ta x'jifhem li kien id-Direttur  tas-socjeta Market Handle u mhux is-CEO minkejja li fil-business card tieghu kellu miktub li kien jokkupa l-kariga ta' CEO  ta x'jifhem li kellu l-kontrol assolut tas-socjeta tant li anke meta l-ispettur staqsietu jekk kienx qed jillajasja ma Celine Lee Nentley fuq l-ordni u l-qada finanzjajra tas-socjeta hass li ma kellux ghalejn jghamel hekk.  In oltre l-Qorti hija konvinta li meta l-appellant iffimra l-iskritturi mal-kwerealnt kien jaf li ma kienx ser ikun f'posizjoni li jonora l-obbligazzjonijeit tieghu tant li mill-ewwel talab li l-phla sikun staggered u appena tah cheque minnufih talbu biex m aisarfux. Dan kien indikattiv li fil-kont ma kienx hemm flus u li kien qed jikkreja messa in scena u cioe artifizju sabeix igieghel lill-kwerelant jemmen li s-socjeta Market Handle kienet socjeta b'sahhitaha meta kien jaf

li ma kienitx. Jirrizulta bic-car mill-istatements tal-kont bankarju tas-socjeta Market Handle din is-socjeta qatt ma kellha il-fondi biex tkun tista thallas ghas-servizz moghti lilha u Micallef kien jafu dan izda cio nonnostante baqa' ghaddej bit-trattattivi u jaghti x'jifhem lill-kwerelant li fil-fatt li kien ser ihalsu.

Jinghad li l-artifizi maghmula mill-frodatur iridu jkunu tali li jipperswadu l-vittma li jaghmel dak rikjest minnu mill-frodatur u jgibu telf patrimonjali ghalih u gwadann ghall-frodatur. Fil-kaz odjern l-agir frawdolenti kien maghmul b' certu hsieb u kien talment perswassiv li wassal lill-kwerelant li kien ghadu kif beda bix-xoghol ghar rasu jghamel xoghol li skond l-appellant kien tajjeb hafna tant li jekk jista' anke jirrakomandah lil terzi. Ippretenda li kellu jghamel uzu minnu bla ma jghamel il-hlas relattiv ghal dan is-servizz.

Illi ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun tasal ghal-gudizzju taghha li ssib lil-appellant hati taz-zewg akkuzi u cio dak ta frodi u ta approprijazzjoni indebita.

Ghaldaqstant din il-qorti sejra tikkonferma is-sentenza ta' l-ewwel Qorti b'dan illi qeda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel zewg akkuzi u mhux hati tat-tielet akkuza fejn illiberatu minnha.

**Dwar il-piena.**

Din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta hlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew jekk tkun sproporzjonata u manifestament eccessiva fic-cirkostanzi. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb'**[23]:

*'Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil- parametri tal-ligi w ma*

[23] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007)

*jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"***[24]***, "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"***[25] *u ohrajn.)*' (Id-dati tas-sentenzi citati jinsabu aktar l'isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi'**[26]: il-Qorti kkunsidrat li '*Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal- ligi jew tkun manifestament eccessiva.*' Madankollu, il-Qorti f'dak il-kaz qieset ic-cirkostanzi partikolari u ddecidiet li '*stante n-novita' tal-kaz in ezami w peress li l-appellant seta' genwinament kellu l-impressjoni li quod bikes ma ghandhomx bzonn licenzja biex ikunu fuq it-triq u li ma ghandhomx bzonn ikollhom kopertura ta' asskurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi, din il-Qorti thoss li hemm raguni specjali biex il-periodu tas-sospensjoni w skwalifka tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant jigi imnaqqas.*'( vide anke is-sentenza moghtija minn din l-istess Qorti fl-ismijiet **il-pulizija vs Brendon Peter Cain**[27]

Konsegwentment peress li l-piena inflitta taqa' fil-parametri tal-ligi din il-Qorti tikkonfermaha ukoll fl-intier taghha.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

---

[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Gunju, 1999

[25] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar fl-24 ta' April, 2003

[26] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2009 (Appell Kriminali numru: 400/2009)

[27] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is- 6 ta' Novembru 2018 (Appell Kriminali numru: 139/2019)